MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 169/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha David Zahra u l-istess David Zahra**

**vs**

**Sarah Jennifer Gay**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elfejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u hamsin

centezmu, (LM2,022.51,0), in linea ta' danni kagunati mill-konvenuta in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fi Triq tal-Barrani, Zejtun, fil-11 ta' April tas-sena 2002, meta l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura bin-nurmu ta' registrazzjoni CAD – 479 u dahlet gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TEC – 001 proprjeta' ta' David Zahra u misjuqa mill-istess David Zahra – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-istess konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imprizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' April tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti;

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-incident tat-traffiku li gara f'Triq tal-Barrani, limiti taz-Zejtun fil-11 ta' April tas-sena 2002 waqt li hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAD – 479, ma garax tort u htija taghha izda gara tort ta' David De Felice, is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABF – 759, jew/u ta' David Zahra, is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TEC – 001, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza;

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort ta' l-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni, kif mitluba huma f'kwalunkwe kaz esagerati ghal kollox;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fil-11 t'April tas-sena 2002 ghall-habta tat-7:45 a.m. fi Triq tal-Barrani, iz-Zejtun;

2. Illi fil-fin ta' l-incident l-art kienet imxarrba minhabba x-xita;

3. Illi fl-incident de quo kienu nvoluti tlett vetturi:

a. Vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABF – 7659 tal-marka Mitsubishi misjuqa minn David De Felice;

b. Vettura bin-numru ta' registrazzjoni TEC – 001 tal-marka Peugeot misjuqa minn David Zahra; u

c. Vettura bin-numru ta' registrazzjoni numru CAB – 749 tal-marka Fiat Brava misjuza mill-konvenuta Sarah Jennifer Gay;

4. Illi s-segwenti hu sintesi tal-versjonijiet ta' l-incident kif karpiti mis-surgent tal-pulizija li mar fuq il-post:

a. David De Felice:

i. Kien qed isuq minn Birzebbuga lejn il-Belt;
ii. Kien qed isuq fil-karreggjata interna;
iii. F'daqqa wahda hass daqqa minn wara;
iv. Illi effettivament intlaqat mill-vettura tal-marka Peugeot – TEC – 001;

v. Illi per konsegwenza baqa' anke diehel f'cint;

b. David Zahra;:

i. Kien qed isuq minn Birzebbuga lejn il-Belt ukoll;
ii. Kien qed isuq fil-karreggjata interna;
iii. Ra l-vettura Mitsubishi ABF – 759 tiskidja u diehel go cint;
iv. Illi meta ra hekk waqaf izda minn warajh dahlet fuqu l-Fiat Brava CAB – 749 u minhabba f'hekk baqa' diehel fil-vettura ta' quddiemu l-Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni ABF – 759;

c. Sarah Jennifer Gay:

i. Din ukoll kienet qed issuq minn Birzebbuga lejn il-Belt u kienet ukoll fil-kareggjata interna;
ii. Lahqet rat liz-zewg vetturi ABF – 759 u TEC – 001 weqfin u gia' mahbuta;
iii. Illi konsegwenza ta' dan kienu qed jaghalqulha t-triq;
iv. Illi l-istess Gay iffrenat izda billi l-art kienet imxarrba bix-xita baqghet diehla fil-vettura TEC – 001;

Ikkunsidrat:

Illi pero' l-verzjoni ta' David De Felice seduta stante tvarja minn dik rilaxxata lis-surgent fuq indikat peress li fil-qorti qal:

"Jien u kont miexi ghamlet daqsxejn ta' rxiex u skidjajt u sibt ruhi mal-hajt. F'daqqa wahda, jiena hasejt daqqa ohra minn wara u dan kien f'differenza ta' ftit sekondi" (ara fol 56);

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-emergenza kollha in dizamina kienet ikkawzata rrizultat minhabba l-fatt li l-konducent De Felice skidja u dahal fic-cint fuq ix-xellug tieghu;

Illi jirrizulta li l-konducent konvenut Zahra kien irnexxielu jikkontrolla l-vettura li hu kien qed isuq u irnexxielu jieqaf minghajr ma jkabbar is-sitwazzjoni;

Illi pero' l-konvenuta, ghalkemm ma jirrizultax li kienet qed issuq b'xi velocita' mhux konsona, ma rnexxilhiex tikkontrolla s-sitwazzjon u allura aggravatha;

Illi ghandu jkun pacifiku li konducent ta' vettura ghandu jkun fil-kontroll tal-vettura tieghu f'kull cirkostanza, anke ambjentali, u allura ghandu jirregola s-sewqan tieghu skond l-istess biex la jkun ta' perikolu ghalih u lanqas ghal haddiehor;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur Zahra u s-socjeta' attrici ipprezentaw ukoll dokumentazzjoni sufficcjenti biex jippruvaw l-ammont ta' danni minnhom sofferti kif minnhom allegati fl-avviz odjern;

Ghaldaqstant din il-qorti:

1. Tiddikjara li fil-konfront tal-limiti ta' l-avviz odjern, senjatament fil-konfront ta' l-attur David Zahra, hi li l-konvenuta Sarah Jennifer Gay li hi unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit;

2. tillikwida d-danni sofferit mill-atturi fl-ammont ta' elfejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM2,022.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenuta Sarah Jennifer Gay biex thallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------